**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 249/2023**

**Il-Pulizja**

**vs**

**Kevin Ciantar**

**<u>Illum, 11 ta' Jannar 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Kevin Ciantar** detenur tal-karta tal-Identita Maltija **69674M**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar l-20 ta' Settembru, 2021, fil-ħinijiet ta 'bejn is-14:30 hrs u 18:20 hrs ġewwa **Ħal Għaxaq**;

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta'tħaris ta' regolamenti, ikkawza offiza ħafifa fuq bintu u ċioe' Amy Ciantar hekk kif iċċertifikat minn Dr.Monica Camilleri (Med Reg.3377).

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' htija, mibarra li tinfliġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex l-ispejjez li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta 'l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta'Gunju 2023 , wara li din il-Qorti rat l-Artikoli 226(1)(c)(2) u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

*Sabet lill-imputat Kevin Ciantar ħati tal-unika mputazzjoni miġjuba kontra tiegħu fejn wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberatu bil-kundizzjonijiet li ma jikkomettix reat ieħor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.*

*Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-ħati li kkonferma li fehem l-istess.*

*Finalment din il-Qorti ordnat il-ħlas tal-ispejjez skond id-dettami tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' €79.33 dovuti lill-esperta maħtura Dr.Katya Vassallo.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Kevin Ciantar, ippreżentat fir-reġistru ta 'din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Gunju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi:

1. Tiddikjara s-sentenza tal-Ewwel Qorti bħala nulla u tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kaz mill-ġdid.

2.Tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant ħati u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant Kevin Ciantar li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe:'

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti</u>**;

1. Illi f'dan l-isfond l-esponenti qiegħed umilment jissenjala l-fatt li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija waħda li għandha tiġi dikjarata nulla għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u dan stante l-fatt li hekk kif ser jiġi spjegat, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha naqset mill tosserva skruplozament dak provdut fl-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Tali Artikolu tal-Liġi jgħid ben ċar is-segwenti u ċioe:

> *"382. Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u* ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi*** *jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."* ( Sottolinear tal-esponenti);

Illi meta wieħed jirreferi għal-Kodiċi Kriminali nostrana tali jkun jista jinnota kif l-Artikolu tal-liġi li fuqu l-Ewwel Qorti sejset is-sejbien ta' ħtija tagħha huwa wieħed inezistenti u b'hekk konsegwentament tali skorrettezza proċedurali ċertament toħloq sens ta' inċertezza f'moħħ l-esponenti rigwardanti liema reat huwa effetivament ġie misjub ħati tiegħu.

Il-Qorti tal-Maġistrati trid tassigura li l-artikoli li tiċċita fis-sentenza kundannatorja tagħha jirriflettu l-akkuzi li bihom l-akkuzat ikun mixli, il-fatti li tagħhom l-akkuzat ikun ġie mijsub ħati, u r-reat li tiegħu ikun instab ħati. Il-kunsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li l-Qorti setgħet tkun għamlet fis-sentenza tagħha qabel tkun waslet għal tali deċizjoni kundannatorja għandhom ikunu jaqblu mad-deċide. L-akkuzat misjub ħati għandu jkollu idea ċara ta' dak illi huwa jkun ġie effetivament misjub ħati tiegħu u mogħti l-piena għalih minn dak li huwa setgħa ma ġiex misjub ħati tiegħu.

Huwa imperattiv kemm għall-Prosekutur li meta jiġi biex jixli formalment persuna quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali huwa jindika b'mod korrett u preċiz l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw r-reat. Huwa daqstant ieħor imperattiv fuq il-Qorti tal-Maġistrati, li meta tiddeċiedi li ssib akkuzatħati, tindika b'mod korrett u preċiz l-artikoli tal-Liġi speċifiċi li jkunu jikkontemplaw ir-reat. Il-frazi "l-artikoli tal-Liġi li jikkontemplaw ir-reat" trid tinftiehem b'mod sħiħ. Din tirriferi għal dawk l-artikoli tal-Liġi kollha speċifikament applikabbli għal dik il-fattispecie partikolari u li jkunu jirriflettu b'mod preċiz- u mhux b'mod ġeneriku jew approssimattiv- ir-reati (nonche l-pieni u konsegwenzi ) applikabbli għal dak il-kaz partikolari. La l-prosekutur fl-akkuzi formali tiegħu, u wisq anqas il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha, ma jistgħu jiċċitaw artikoli li minn natura tagħhom ikunu jagħtu lok għal dubju , inċertezzi jew ekwivoċita dwar liema reat preċiz l-akkuzat ikun ġie mixli bih jew li tiegħu ikun ġie misjub ħati.

Meta l-Qorti tal-Maġistrati tiġi biex tagħti s-sentenza tagħha, hija trid tkun ċara u speċifika fl-artikolu jew artikoli tal-Liġi li jkunu jikkontemplaw ir-reat. Altrimenti l-Qorti tista' tkun qegħda toħloq inċertezza fis-sentenza tagħha stess. Din l-inċertezza ma hemmx postha f'ġudizzju penali u trid tiġi evitata b'riferiment speċifiku u preċiz għall-artikolu jew artikoli tal-Liġi partikolari u speċifiċi li jkunu jikkontemplaw ir-reat f'dak il-kaz partikolari. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tħalli dubju dwar fejn tkun radikata l-ħtija tal-imputat- b'mod li l-ħtija tkun indistingwibbli, jekk mhux ukoll ekwivoka, konfliġġenti jew kontradittorja- allura imbagħad f'dak il-kaz jista' jkun hemm l-estremi tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

2. **Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-tieni aggravju huwa ċar u manifesti u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legittimament u raġonevolment tasal għall-konkluzjonijiet li waslet għalihom fuq il-bazi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha. Dan jingħad stante l-fatt li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz

tagħha lill-hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u b'hekk ma ssodisfawx il-grad tal-prova rikjest mil-Liġi fil-kamp Kriminali.

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja** (7 ta' Marzu 2002) jingħad li:

> *"... din il-Qorti, bħala Qorti ta 'revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-kaz f'dak li għandu x'jaqsam malvalutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, izda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienitx "unsafe and unsatifactory" fuq il-bazi tar-rizultati li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċizjoni ta ' dik il-Qorti ma tkunx " unsafe and unsatisfactory", Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konkluzzjonijiet li waslet għalihom fuq il-bazi tal-provi u tal-argument legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konkluzjonijiet ta 'dik il-Qorti- anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konkluzjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati."*

3. **Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-tielet aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;**

Illi r-reat addebitat lill-appellant fil-proċeduri odjerni huwa dak misjub fl-Artikolu 226(1)(c), liema reat huwa fih innifsu wieħed ta' natura involontarja. Il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li l-esponenti jemmen hija ta' indikattiva ċara tal-apprezzament zbaljat tal-provi da parti ta' tali Qorti hija s-segwenti u ċioe':

> *"... din il-Qorti temmen li l-imputat seta 'pprevjena tali aġir u partikolarment bl-uzu tal-istrument in kwistjoni bl-għata b'kollox, setgħu jirrizultaw il-ġrieħi lli subiet Amy."*

Illi bir-rispett kollu l-esponenti umilment iħoss li l-Ewwel Qorti ma setgħatx raġonevolment tasal għal din il-konkluzjoni u dan in vista tal-fatt li meta wieħed janalizza fil-profond iċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz odjern in relazzjoni mal-prinċipju tal-bonus paterfailias, wieħed jista jasal għal konluzjoni unekwivoka li l-esponenti ċertament issodisfa tali test oġġettiv, liema test huwa utilizzat sabiex jiġu konkluz jekk ir-reat in dezamina irrizultax o menu.

L-aqwa prova li propju ssostni t-tazi tal-esponenti, u ċioe' li fil-kaz odjern ma rrizultax in-negliġenza rikjesta sabiex reat involontarju bħal dak ikkontemplat fil-proċeduri odjerni ma jistax bl-ebda mod jissusiti, huwa propju dak li qalet l-ispettur Audrey Micallef fl-istqarrija irrilaxxata da parti tal-esponenti nhar is-26 ta' Settembru 2021. L-ispettur f'paġna 15 ta' tali stqarrija tgħid is-segwenti u ċioe *"L-isforuna hi li l-plastic qatgħet mentri hi ma taqtax."* Di piu u oltre minn hekk l-esponenti f'paġna 6 tal-istqarrija relattiva jgħid is-segwenti u ċioe *"Issa li ġara huwa l-plastic li suppost huwa cover biex tkun iktar safe sort of, ġie jaqta hu, li jiena lanqas biss tgħaddili minn moħħi* "

Illi kif jixhed l-inkartament supremess, u ċioe l-istqarrija tal-esponenti, kemm l-ispettur kif ukoll l-istess esponenti jaqblu li huwa ma setgħax raġonevolment jantiċipa dak li effettivament ġara u li di piu u oltre minn hekk tali inċident kien wieħed sfortunat. Tali huwa ta' sostenn għat-tezi tal-appellant li huwa ma seta qatt raġonevolment jantiċipa dak li effettivament ġara.

Illi bir-rispett kollu u hekk kif jemerġi kjarament kemm mill-ġurisprudnza nostrana u kif ukoll minn dak indikat da parti tal-Profs Mamo, sabiex l-element tal-culpa ikun jista jiġi pruvat irid ikollna ċirkostanzi fejn il-persuna imputata ma tkunx antiċipat dak il-persuna raġonevoli tkun mistrennija li tantiċipa. Il-Profs Mamo jgħid li għalkemm il-frazijiet "nuqqas ta' ħsieb" u "traskuraġni " mhumiex mogħtija definizzjoni mal-liġi pero jkompli jgħid li " *it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the*

*circumstances" ...... " the essence of negligence is made to consist in the possibility of foreseeing the event which has not been foreseen"*

Illi l-fatt li hekk kif anke konfermat da parti tal-minuri Amy u ċioe li hi u missierha lagħbu dawn it-tip ta' logħob kemm-il darba, kif ukoll l-ironija li l-*cover* prottetiv spiċċa kien il-kawza tal-feriti in dezamina huma ċirkostanzi li meta amalgamati ma dak kollhu supremess fl-aggravju odjern iwasslu għal prova ċara li l-livell ta' negliġenza neċessitata f'reati ta' din in-natura ċertament ma ntlaħaqx u b'hekk l-esponenti ma jistax jiġi misjub ħati tar-reat addebitat lilu.

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-raba' aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi bl-akbar rispett iċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll is-sitwazzjoni prezenti tal-esponent kellhom jingħataw aktar attenzjoni u kellhom jiġu mogħtija piz akbar meta l-Ewwel Onorabbli Qorti iddeċidiet il-piena. L-esponent umilment jemmen illi ċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Settembru, 2023;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni dwar in-nullità tas-sentenza u dan fis-seduta tas-26 ta 'Settembru 2023 fejn saħansitra qablu li din il-Qorti għandha l-ewwel nett tagħti sentenza dwar dan l-ewwel aggravju dwar in-nullità tas-sentenza peress li ma ġiex segwit il-vot tal-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta 'Malta.

Rat is-sentenza preliminari mogħtija minnha nhar it-31 ta 'Ottubru 2023 fejn din il-Qorti laqgħet l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu u filwaqt illi ħalliet impreġudikat l-aggravi l-oħra, iddikjarat li minħabba il-konfuzjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni akkuża l-ewwel sentenza hija nulla, u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat illi l-każ jiġi trattat mill-ġdid fil-mertu minn din l-Onorabbli Qorti wara li poġġiet lill-appellant *in status quo ante* qabel ma ngħatat l-ewwel sentenza;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2023.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Illi sabiex din il-Qorti tasal għad-deċiżjoni tagħha jeħtieġ illi tifli sew l-evidenza miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti. Għalhekk din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tipprovdi *in breve* dak li xehedu xhieda għall-każ odjern quddiem l-Ewwel Qorti.

**<u>Daphne Ciantar</u>**[1] xehedet nhar is-26 ta' Novembru, 2021 fejn qalet li Kevin Ciantar huwa żewġha u li kellu aċċess għall-minuri tagħhom dakinhar tal-20 ta' Settembru, 2010. Għal ħabta ta' 5.50pm kien ċemplilha ppanikjat jgħidilha li t-tifla kellha xi grif u sabħa mċappsa bid-demm. Dak il-ħin hi kienet xogħol u beda jinsisti sabiex hi tiġbor lit-tifla minn quddiem l-Għassa ta' Marsaskala. Qalet li fuq it-telefon kien semmilha xi 'set ta' sitta'. Meta wasal quddiem l-Għassa beda juriha l-ġrieħi fuq it-tifla fejn hi spjegat li t-tifla kellha grif mgħottijin fuq koxxitha t-tnejn bi stikka u kellha ta' fuq iż-żokra li kienu mikxufin. Hi tgħid li ħadet ir-ritratti ta' dawn il-ġrieħi l-*polyclinic.* Mistoqsija mill-Qorti kemm kellha żmien it-tifla dak iż-żmien, hija wieġbet tmien snin. Tgħid li taħt idejha kellha qasma pjuttost kbira mgħottija bil-*face discs* u bdiet teħel bid-demm. Spjegat illi meta staqsiet kif ġara l-inċident l-appellant qalilha li mal-impatt tal-aħħar daqqa', tqatta' l-flok. Hi talbitu sabiex tara l-flok u x'tip ta' *utensil* intużat. Kevin kien qalilha li dawn ma kienux fuqu u hi kienet qaltlu li ser tieħu lit-tifla għal għajnuna medika. Il-*polyclinic* t-tifla tagħat ukoll il-verżjoni tagħha. Il-*polyclinic*

[1] Fol. 3 et seq tal-process.

naddfu l-ferita tat-tifla u għamlulha *butterfy stitches.* Sussegwentament ħareġ ċertifikat mediku mit-tabiba Dr Monica Camilleri. Elaborat li Kevin dak il-ħin kien eċitat ħafna u hi ma ratux li kien f'pożizzjoni li jieħu t-tifla l-*polyclinic*. It-tifla spjegat x'kien ġara lit-tabiba u meta beda jagħtiha *handover*, Kevin ukoll beda jgħidilha x'ġara, fejn spjegalha li kienu qed jilgħabu b'xi ħaġa tal-kċina, filli tisemma xi ħaġa tal-panna, imbaghad *spreader* u *plastics*. Xehedet ukoll li kien qalilha li poggiha fuq il-bank tal-kcina u qalilha' *I will cut you in three pieces and eat you all.'* Beda mill-koxxa u qalilha li haseb li kienet qed taghmel ghageb it-tifla u kompla fuq l-istonku taghha fuq zaqqha. Mbghad dawwra la genba u mal-impatt tal-ahhar daqqa' tqatta' l-flok. Hija qalet li sa dakinhar kienet ghadha qed tipprova tifhem x'kienet din il-loghba. Spjegat illi l-verzjoni tat-tifla qablet ma dak li kien qalilha l-appellant. Hi tghid li ma kienitx konxja li kien hemm dan it-tip ta' logħob drabi ohra, infatti qatt ma kellha bzonn *stitches* drabi ohra.

Wara l-*polyclinic*, in-nurse jew it-tabiba kienet qaltilha sabiex tmur taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Hija marret l-Ghassa ta' M'Skala u qalulha li jarawha tad-Domestic Vionece id-Depot. Hemmhekk hadu l-verzjoni taghha u sussegwentament wara li dahlet fil-*play area,* gew tac-*Child Protection* u hi taghat il-verzjoni taghha wkoll. Sussegwentament it-tifla kellha wkoll assessment forensiku minn *forensic psychologist* u apparti minn  hekk haditha wkoll ghand tabib forensiku sabiex jiccertifika minn fejn setghet giet din il-ferita.

In kontro-ezami hi qalet illi fil-hin tal-incident it-tifla kienet ma missierha ghaliex dan tal-ahhar kien qed jezercita l-access tieghu. Hija qalet ukoll illi fil-propjeta' fejn kien qed jghix l-appellant hija qatt ma kienet marret.

**<u>PC 575 M. Tonna</u>**[2] xehed permezz t'affidavit fejn spjega illi nhar l-20 ta' Settembru, 2021, fid-21:30hrs irrapurtat gewwa l-GBDV unit Daphne Ciantar flimkien ma' bintha ta' tmien snin Amy Ciantar u dan sabiex taghmel rapport kontra r-ragel taghha li jismu Kevin Ciantar. Huwa qal li Daphne qaltlu li fl-20 ta' Settembru, 2021 fis-14:30hrs hija

[2] Fol. 30 et seq tal-process.

kienet hadet lil Amy quddiem l-għassa tal-Pulizija ta' Marsaskala sabiex taghti l-access lil-Kevin skond id-digriet tal-Qorti. Daphne kompliet tghid li ghall-habta tal-17:48hrs hija rceviet telefonata minghand Kevin li kien panikuz u qalilha li kien sab lil Amy mcappsa bid-demm u Daphne ppruvat tifhem lil Kevin imma ma' rnexxiliex. Daphne kompliet tistqarr li Kevin insista sbiex itiha lit-tifla lura u tara hija x'ser taghmel biha. Kevin raddilha t-tifla lura fis-18:15hrs quddiem l-ghassa msemmija qabel. Huwa kompla jghid illi meta Daphne saqsiet lil- Kevin x'kien gara, hija stqarret li hu kien qalilha li pogga lil-Amy fuq il-bank tal-kcina w'beda jilghab maghha bi *slicer* tal-kejkijiet u anke jxejjirha lejha kif ukoll qalilha "*I will cut you in three pieces and eat you*" w'stqarret ukoll li Kevin qalilha l'Amy kienet qaltlu li hu kien laqatha w'li weggat kif ukoll li kien tqattalha l-flokk. Daphne stqarret ukoll li Kevin kien uriha fejn Amy weggat u li hu qalilha li ma'kienx ta' kaz li din weggat u waqaf meta kien ra d-demm, Daphne qalet li saqasiet lil-Kevin il-ghala dan ma'kienx ha t-tifla c-centru tas-sahha minflok taghta lilha fejn dan qalilha li ser imur maghha pero' Daphne kienet irrifjutat dan. Daphne stqarret ukoll li Kevin qalilha li l-flok li kellha fuqha Amy ma'kienx qieghed fuqu w' dan wara li hija kienet talbitulu. Daphne kompliet tistqarr li hija hadet lil-Amy gewwa c-centru tas-sahha ta'Paola fejn din kienet invistata min Dr Monica Camilleri w'ccertifikat l'Amy kienet soffriet griehi ta' natura hafifa sakemm ma' jiqalawx kumplikazzjonijiet u Daphne stqarret ukoll li t-tifla kienet garrbet grif fuq iz-zewg koxxox, girfa taht iz-zokkra w' ferita fil-genb tal-lemin tas-sider u f'din tal-ahhar kienu sarulha l-*butterfly stitches*. Daphne stqarret li hija tahseb li l-incident sehh bejn il-17:15hrs u il-17:45hrs. Fil-23:14hrs kienet mitkellma mil-Pulizija Amy fil-presenza tas-*social workers* Laura Privitelli flimkien ma' Ruth Buhagiar Navarro fejn Amy stqarret li fl-istess jum kienet marret ma' missiera fid-dar tieghu w'li kienu bdew jilghabu bil-karti w'jaghmluhom ajruplani, Amy kompliet tghid li missiera kien qajjimha mil-art u poggiha fuq il-bank tal-kcina w' li dan kien gab *spreader* tal- krema. Amy kompliet tghid li missiera kien zamm l-*ispreader* mil-manku u li n-naha l-ohra kienet bil-cover tal-plastic fejn kien beda jiccajta maghha biha w'qalila l- kliem "*I will cut you in three pieces and eat you*" w' missiera kien hakk l-*ispreader* maghha f'saqajha,f'zaqqha w'fil-genb ta'sidirha tant li hija kienet weggat. Amy kompliet tghid li kienet qalet lil-missiera li hu kien qed iweggaha u meta dan tal- ahhar kien ra d-

demm kien neħħilha l-flokk li kien tqatta w'beda jimsħilha d-demm. Amy kompliet tghid ukoll li hija kienet bdiet tibki w'li waqfet meta missiera kien ghamlilha spray u li l-istess missiera kien hadha ghand ommha li din haditha l-*clinic* u wara kienu marru l-ghassa mbghad gewwa l-GBDV unit. Amy kienet ukoll pengiet fuq karta l-*ispreader* imsemmija f'forma ta'moxt u li f'nofsu kien hemm it-toqob u li t-tarf kien mdawwar bil-plastic fejn missierha kien hakk maghha. Sar kuntatt mal-Pulizija tal-GBDV u giet infurmata wkoll l-Ispettura Sherona Buhagiar.

**<u>PS 2223 Charlene Calleja</u>**[3] xehedet nhar l-1 ta' Frar, 2022 fejn qalet illi nhar l-20 ta' Settembru, 2021 ghall-habta tad-9.30 meta hi kienet duty Surgent id-Domestic Violence rrapurtat Daphne Ciantar fejn spjegat illi ghall-habta tal-5.15 giet infurmata mir-ragel taghha Kevin Ciantar li kellu incident bit-tifla Amy Ciantar fejn dakinhar ittihed rapport minn PC 575. Hi tghid li kienet prezenti waqt li t-tifla Amy giet mitkellma quddiem is-*Social Workers* minn naha tac-*Child Protection Services.* Spjegat illi t-tifla Amy qaltilhom li dakinhar 20 ta' Settembru kienet ma missierha ghax kien imissu l-access. Bdew jilghabu flimkien u f'hin minnhom missierha gholliha fuq l-bank tal-kcina fejn beda jilghab maghha *b'cake spreader* li kellha plastic mat-tarf taghha. Missierha qabadha mill-manku u beda jxejjirha u laqatha kemm f'zaqqha u kemm f'kuxxtejha. Amy qaltilhom li bdiet tghidlu li bdiet twegga' u ghall-ewwel hu ma ndunax imma mbghad ra l-flokk imqatta' u d-demm u hemmhekk induna li kien weggaghha verament. It-tifla kienet *shocked* ghall-fatt li kienet imwegga izda qalet li kien *accident*. Spjegat li t-tifla kienet uzat il-kelma *'cake spreader'* u kienet anke pingietha. Tghid li sussegwentament hadet *over* l-Ispettura Sherona Buhagiar.

Il-minuri **<u>Any Ciantar</u>**[4] xehedet nhar 1 ta' Frar, 2022 fejn fir-rigward tal-incident hija qalet li kienu qed jilghabu hi u missierha, mbghad dan tal-ahhar tellaha fuq il-bank tal-kcina, qabad xi haga tal-kcina u qalilha *'I will cut you into three pieces and eat you'*. Tghid li dik tal-kcina kienet qisha oval u jkollha handle, qisha *spreader*. Beda jaghmilha ma saqajha u hi qaltlu sabiex jieqaf. Sussegwentament ghamililha ma zaqqha u hi

[3] Fol. 42 et seq tal-process.
[4] Fol. 47 et seq tal-process.

qaltlu 'ahh'. Mbaghad tghid li *'gie hawnhekk'* u bdiet tibki. Imbaghad missierha ra d-demm fuq saqajha, tefghaha fuq is-sufan u mbaghad ghamlilha l-ispray u x'hin ghamlilha l-ispray xorta baqghet tugghaha. Mitluba tispjega kif ghamel missierha, il-Qorti rat li fuq il-koxxa qisu qed jaqta' bicca hobz u fuq zaqqha kienet qisha daqqa'. Fuq genbha hija qalet li ma tafx. Spjegat li missierha ghamlilha l-ispray u l-isticks ma koxxitha ghax haseb li hemm biss kien weggaghha, mbghad induna li kellha ferita ohra iktar fonda u ghamlilha l-spray u *cotton discs.* Qalet li missierha qalilha sabiex tnehhi l-flok sabiex jaghmlilha t-tonda u mbaghad cempel lil ommha sabiex tigborha u din tal-ahhar qaltlu f'ghaxar minuti. Hi spjegat li fit-triq bdiet tibki. X'hin kienu fuq it-telephone ommha staqsiet lil missierha 'Immorru l-polyclinic?' u missierha wegibha li ma kienx hemm il-bzonn. Sussegwentament ommha haditha l-polyclinic. Hi spjegat illi l-unika toqba li kellu l-flok kienet linja dritta. Spjegat kif x'hin tefghaha fuq is-sufan, missierha beda jsabbat l-*ispreader* hu fuq is-sufan u jghidilha 'pastaza'. It-tifla spjegat li bdiet tidejjaq tghid li ghamlulha l-*istitches* u ndikat fejn kienu ghamluhomla. Qalet li minn dakinhar tal-incident marret ghand missierha u ma hemmx affarijiet li jdejquha meta tmur ghand missierha. Qalet li fl-istess gurnata li marret il-polyclinic marret ukoll ghand il-pulizija. In kontro-ezami qalet li thossha tajba meta tilghab u tkun ma missierha u tiehu gost. Mistoqsija kienitx taf ghaliex missierha beda jirrabja mal-ispreader, hi wiegbet 'le'. Mistoqsija tibzax minn missierha, hija wiegbet li 'le'. Ikkonfermat li t-toqba fil-flok kienet saret dakinhar. Qalet li missierha saqsa lil ommha '*jekk ha tehoda l-polyclinic nista' nigi mieghek*?' u ommha wiegbet '*le ghax il-hin tieghek ghadda'*. Qalet ukoll '*Il-mummy qalet lid-daddy li jekk ghandha bzonn tmur il-polyclinic tistenna u jekk le tehodni hi'*. Ikkonfermat li wara l-incident hija ghamlet xi zmien ma tarax lil missierha u mmisjatu.

**<u>Silvan Magro Play Therapist</u>**[5] xehed nhar l-1 ta' Frar, 2022 fejn jghid li hu wiehed mid-Diretturi ta' Tetris Play Centre u li madwar sentejn qabel kienet ikkuntatjatu omm Amy Ciantar ghaliex kienu tawha d-dettalji l-Agenzja Appogg sabiex Amy tkun tista' tmur *play therapy*. Spjega li kien ghadu jsegwi lil Amy u li mistoqsi x'inhu *play therapy* huwa qal li bhal meta adult imur ghand counsellor. Peress li t-tfal ma

[5] Fol. 72 tal-process.

ghandhomx biżżejjed verbali allura through il-loghob johorgu t-trawma jew l-issues li jkun hemm u li jkollhom. Primarjament, Amy bdiet tattendi *play session* ghaliex il-genituri taghha kienu ghaddejin minn  separazzjoni. Fl-20 ta' Settembru, 2021 omm Amy kienet ikkuntatjatu li kellha bżonn appuntament urġenti. Malli dahlet f'session Amy qaltlu li kellha accident fejn kellha xi marki fuq il-kustilji u anke fuq il-koxxa u kienet urietu dawn il-marki. Amy spjegatlu li kienet ma missierha meta kien hemm accident fejn bdew jilghabu, kienu qed jużaw spatula tal-plastik u hi kienet fuq il-cupboard tal-kcina u gara l-accident. Amy ma kienitx spjegatlu x'kienet din il-loghoba. Muri r-ritratti tal-griehi huwa qal li l-ferita tal-kustilji kellha xi *dressing* u ghalhekk ma seta' jghid xejn fuq il-fond taghha, pero' l-ohrajn kienu l-istess li wrietu Amy. Sussegwentament ghal dan l-incident, it-tifla baqghet turi x-xewqa li tiltaqa ma missierha.

**Dr Monica Camilleri**[6] xehedet nhar l-1 ta' Frar, 2022 u qalet li hija *general practitioner* ġewwa l-Paola Health Centre. Hija kkonfermat ic-certifikat mahrug minnha nhar l-20 ta' Settembru, 2021 meta eżaminat lil Amy Ciantar.

**Ruth Buhagiar Navarro,**[7] social worker fi hdan l-Agenzija Appogg, xehedet nhar it-8 ta' Marzu, 2022 fejn qalet li fl-20 ta' Settembru, 2021 kienet b'shift flimkien ma kollega taghha Laura Privitelli u cemplulhom sabiex jassistu lill-pulizija biex jaghmlu xi mistoqsijiet lil Amy Ciantar. Bazikament spjegat illi kif waslu l-Ispettura taghthom ftit over ta' x' gara u ma garax u mbaghad assistew lill-Pulizija fil-*questioning* tat-tifla. Qalet li qisu qablu l-verzjonijiet li tawhom l-Ispettur jigifieri li tat l-omm u anke li tat it-tifla. It-tifla nnutaw li kellha l-qalziet shorts u l-flokk kien bid-demm u hi rrakkunatat ovvjament x' kien gara dakinhar li kienet ghand il-papa taghha u li kienet qalet li tmur qisu *two to three times a week* u li kienu qed jilghabu, bazikament hi waqghet fl-art, il-papa refaghha, tefaghha fuq il-bank tal-kcina u bazikament kellu din hi rrakkuntatilna li i kienet qisha *spreader, cake spreader,* kellha l-*covering* maghha u qisu beda jilghab b' din l-*ispreader* imma *at one point* beda jigi close taghha u ghamlilha xi

[6] Fol. 80 et seq. tal-process.
[7] Fol. 87 et seq tal-process.

*scratches* u anke *cuts*. Fil-fatt l-aktar wahda li niftakar kienet *on her right side* ghax urithielna u kellha l-*butterfly stitches.* Il- Pulizija fil-fatt infurmawhom wkoll illi l-omm kienet haditha ghand il- *Health Centre* wkoll u kellha *slight injuries* u huma nnutaw li kellha d-dmija mhux hafna, imma kien hemm dmija fuq ix-shorts u fuq il-flokk taghha u kellha wkoll *scratches* ma' kuxxtejha, fuq kuxxtejha. Amy rrakkuntatilhom li missierha qisu beda jxejjer din il-*cake spreader* fil-vicin taghha u kien qed jolqotha. Amy qaltilhom li hi kemm il-darba qaltlu biex jieqaf pero haseb li qed ticcajta u forsi kienet qed taghmel xi ftit fuss izzejjed, pero meta bdiet tibki u anke meta beda jara d-demm u hi qaltilhom li qisu xxokja ruhu u waqaf u li anke beda jibki u beda jghidilha 'sorry' u jimmedikaha wkoll. Ovvjament kif qalulhom, il-missier cempel lil omm u peress li l-omm kienet ha tippikjaha fi ftit minuti wara, l-omm qaltlu: 'Ha nehodha jiena l-Health Centre.' Mid-dehra wkoll milli qalulhom li hu offra li jmur maghha, iżda l-omm ippreferiet li tmur bit-tifla hi. It-tifla hin minnhom qaltilhom ukoll li missierha kien qal xi haġa 'inqattek biċċa biċċa u nieklok' iżda dan iktar f'sens ta'loghob. Meta saqsew lit-tifla riditx terga' tiltaqa' ma missierha din qaltilhom li kieku kienet apposta ma kienitx tkun trid, iżda li gara ma kienx apposta. It-tifla kienet veru espressiva u fethet u wieġbet ghall-mistoqsijiet kollha u ghalhekk ma kienx hemm problemi fil-mistoqsijiet. Qalet li dan l-ezercizzju sar id-Depot u preżenti kien hemm huma bhala *social workers*, l-Ispettura u t-tifla.

**Laura Privitelli,**[8] social worker fl-Emergency on call, fejn spjegat illi nhar l-20 ta' Settembru, 2021, hi flimkien ma kollega taghha Ruth Buhagiar Navarro gew imsejjha mid-Depot fid-Domestic Violence Unit ghax dakinhar kienu qeghdin duty biex jitkellmu mal-minuri Amy Ciantar ghaliex kien sar rapport minn naha tal-omm Daphne Ciantar ghaliex dakinhar li kien sehh l-incident it-tifla kienet qeghdha ghand il-missier gewwa d-dar tieghu fejn Amy kellha numru ta' qatghat u grif li kien ghamlilha missierha. L-Ispettur qaltilhom li l-omm hadet lit-tifla l-polyiclinic habba dawn il-qatghat u skond ir-rapport mediku kien hemm miktub li kellha *slight injuries* u meta qisu l-omm tkellmet mat-tifla qaltilha li l-missier qalilha bl-Ingliz: "*I will*

[8] Fol. 93 et seq tal-process.

*cut you in pieces and eat you,*" qisu meta kien gara l-incident. Sussegwentament dahlet it-tifla, u kellmuha. Amy  kienet tidher veru kunfidenti u dak kollu li staqsewha qisu wiegbet b' mod kunfidenti u ma kienx hemm tlaqliq u qaltilhom li jkollha l-access mal-missier bejn darbtejn u tlett darbiet fil-gimgha u hi tiehu gost tmur ghand missierha. Qaltilhom li dakinhar tal-incident hi kienet qieghdha tilghab u waqghet u mbaghad missierha refaghha u poggieha fuq il-bank tal-kcina. Dak il-hin stess, Amy stess spjegatilhom li missierha kellu *spreader* qisu *cake spreader* u din kellha *plastic cover* il-*cake spreader* u beda jxejjirha vicin taghha bil-konsegwenza li kkawzalha diversi qatghat u grif u fil-fatt Amy kienet ghadha liebsha l-istess hwejjeg, kellha shorts u t-shirt u kellha d-demm mieghu u writilna l-qatghat u fuq in-naha tar-*right* ta' genbha kellha l-butterfly stitches, kellha naqra fonda u fuq saqajha kellha l-grif. Amy qaltilna li l-missier qaltlu kemm il-darba biex jieqaf pero hu haseb li kienet qed ticcajta u kienet qed taghmel hafna fuss pero mbaghad irrejalizza x' kien gara meta Amy bdiet tibki. Amy qaltilhom li l-missier dewwielha l-feriti u cempel lil omm u cioe' lil Daphne Ciantar u qalilha x'kien gara. Staqsew lil Amy jekk il-missier hadhiex il-polyliclinic pero qaltilhom li peress li kien ghad fadal ftit mill-visit u mbaghad cempel lil omm u qaltlu: "Ha nigi kwarta ohra." Imbaghad huma esploraw ma' Amy kif thossha jekk ikollha terga tmur visit ohra ghand missierha u qaltilhom hekk: "li kieku ghamel apposta ma kontx immur pero m ghamilhiex apposta."

**<u>Direttur ghall-Harsien tat-tfal Steve Libreri</u>**[9] xehed nhar it-8 ta' Marzu, 2022 fejn spjega illi l-kaz in kwistjoni kien gie rrapurtat lilhom u ghalhekk kellhom jassistu f' Settembru, 2021 fejn allegatament il-missier wegga' lit-tifla waqt incident illi sehh waqt l-access.  Li kien gara illi fix- xahar ta' Settembru kienu rcivew dan ir-rapport. Ftakar vagamnet dak iz-zmien illi kien tkellem ma' l-avukat tal-papa u jiftakar, li kien tkellem mal-mama. Jiftakar ukoll li kien tkellem mal-Ispettur Sherona Buhagiar u jiftakar li giet ipprezentata lilu din is-

[9] Fol. 97 et seq tal-process.

sitwazzjoni fejn waqt access il-papa allegatament kien wegga lit-tifla u kien naqas milli jehodha l-polyiclinic imma qisu fil-mument li sar l-incident qisu kien cempel lill-mama u qalilha li gara xi haga, li t-tifla wegghat u l-mama kienet qaltlu: "Ha nehodha jien," u kienet marret u hadtiha hi. Pero ovvjament hu imbaghad qisu jiftakar li dak iz-zmien kienu taw l-parir lil kullhadd galadarba l-Pulizija kienu diga nvoluti, kienu taw il-parir lill-mama sabiex tintavola quddiem il-Qorti tal-Familja rikjesta biex se mai l-access ikun supervizjonat pero din ir-rikjesta b' urgenza mhux huma kienu baghtuha ghax jiftakar li din kienet xi haga li kienet ghamlitha l-omm, kienet intavolat biex l-access ikun b' supervizjoni. Kien hemm issue fuq l-access tat-tifla u ghalhekk huma kienu offrew il-post tac-Child Protection fejn kollox jigi rrekordjat sabiex isir l-access. Huma mbghad bdew investigazzjoni taghhom parallela ma dik tal-pulizija sabiex jaraw jekk il-missier kienx jirraprezenta riskju ghat-tifla. Sar assesjar minghand haddiema socjali gewwa d-Direttorat bl-isem ta' Valentina Mintoff u fethu wkoll l-assesjar biex anke jinkorporaw d-dimensjoni tal-influwenza tal-omm. L-access gewwa l-ufficini taghhom kien tajjeb u sabih. Hu kellu xi sezzjonijiet mal-omm fejn din qaltlu li kellha certu biza mill-missier izda qatt ma taghtu l-impressjoni li hi xtaqet twaqqaf jew tostakola l-access mal-missier. L-omm riedet li jkun hemm access tal-missier mat-tifla izda ma ridietx li hi jkollha kuntatt mal-missier ghax kien qed jiddisturbaha.

Steve Libreri[10] rega' xehed nhar it-3 ta' Mejju, 2022 fejn tenna illi l-ahhar haga li kienet giet irrappurtata lilu illi minn dak li hareg mill-*forensic interview*, minn dak li hareg mis-sessions ta' Valentina Mintoff, minn dak li hareg mill-assessment ma setghux isibu illi l-missier hemm riskji lejn it-tifla, ma sabux ukoll htieg ali l-missier ghandu jibbenifika minn  xi kors minn taghhom, ma setghux isibu diffikultajiet jew issues fil-hsibijiet tal-missier. Semma kif l-ahhar li kien xehed spjega illi bhala *child protection,* all right immorru ghall- *forensic interview* sabiex jigbru kemm jista' jkun dettal fuq l-episodju partikolari imma mbaghad jaghmlu assessjar illi huwa aktar mifrux, f dan il-kaz b' mod partikolari hu xtaq jiddetermina, jekk hemmx diffikultajiet minn naha tal-missier, da parti tal-missier fuq kif jahseb, x' ideat ghandu hu bhala ragel vis a vis x'

[10] Fol. 130 et seq tal-process.

inhu permess mat- tifla tieghu. Spjega li l-assessjar ghalhekk kien qed jiprova jiftah iktar fuq dak pero Valentina Mintoff spjegat illi ma sabet xejn preokkupanti tant illi lanqas tista tara nterventi ulterjuri neccessarji, jigifieri f' dak li ghandu x'jaqsam mal-missier waqt il-hin tieghu mat-tifla tieghu. Hu spjega li kien tkellem m'omm it-tifla f'dak iz-zmien u din kienet espremiet illi hi stess kellha diffikulta illi tkun fil-presenza tal-missier, illi s-sitwazzjoni ta bejniethom qatt ma kienet ittrangat u hu fehem ukoll illi hi bhala persuna kieku xtaqet soluzzjonijiet ahjar biex tkun tista timmenigja l- *co-parenting* ma' Kevin galadarba hi kellha diffikulta li tkun vicin mal-missier. Jghid illi l-pjan taghhom bhala *child protection* kien li jippruvaw jaraw jekk kienx hemm xi pro-okkupazzjonijiet u kieku rrizulta hekk kienu jwasslu lill-missier sabiex itejjeb il-qaghada tieghu. Jekk le, kif gara f'dan il-kaz jekk il-familja tippermetti, jkunu jistghu jistabilixxu xi soluzzjonijiet godda li jikkalmaw is-sitwazzjoni ta' bejniethom.

**Katia Muscat, Forensic Interviewer**,[11] xehedet nhar it-8 ta' Marzu, 2022 fejn qalet illi hija co-ordinator u social worker fis-servizz ghal-protezzjoni tat-tfal u *forensic interviewer*. Kienet giet mitluba min-naha tal-pulizija sabiex tassistihom fl-investigazzjoni dwar din il-minuri, hu hi kienet ghamlet *forensic interview.* L-Ispettura u s-Surgent Donna kienu qeghdin fil-premises taghhom go kamra ohra u kienu qed jassistuha u jisimghu r-*recording* tal-investigazzjoni taghha mal-minuri. Spjegat kif ghamlet il-*forensic interview* u mat-tifla ltaqghet darba dakinhar li Amy marret fil-premises taghhom, prattikament biex qisu tiftah fuq l-allegazzjonijiet li kienu dahlu u cioe' rigward il-griehi li gie allegat li saru minn naha tal-missier Kevin. Hi qalet li għamlet in-*narrative practice* mat-tifla u fil-hin li bdew jingegjaw flimkien, qisu mal-ewwel spjegatilha illi hi m'ghadhiex tiltaqa' ma' missierha fir-residenza tieghu Hal-Ghaxaq ghaliex l-ahhar li ltaqghet mieghu kienu qed jilghabu u weggaha u wrietha li kellha tlett marki, qaltilha li kellha marka fil-koxxa, ohra f zaqqha u ohra qisu bejn zaqqha u dahrha *on the right side* u t-tifla spjegatilha li dakinhar li saru, ghalkemm ma tiftakarx id-dettalji tal-gurnata kollha qisu hi marret tiltaqa ma missierha fir-residenza tieghu u bdew jilghabu flimkien kemm qabel ma kielu u kemm wara l-lunch. Spjegat illi l-loghba ta' wara l-lunch qisu missierha beda jgholliha u hi tinzel mal-art u terga

[11] Fol. 103 et seq tal-process.

titla fuqu u mbaghad poggiha fuq il-bank tal- kcina. Poggieha minduda, rasha l-fuq u jdejha dritti mal-genb taghha. Fil-fatt it-tifla pengitilha wkoll *drawing* forma ta' ‘U’ tal-kcina u spjegatilha fejn kienet u qaltilha wkoll illi f' hin minnhom missierha biex jiccajta qalilha: "*I will cut you into three pieces and will eat you.*" U mbaghad hareg slicer minn kexxun. Ghal-ewwel it-tifla rrerferiet ghal din l-ghodda bhala slicer imma mbaghad qaltilha illi ghandha zewg kelmiet '*something knife*' li tispicca bil-kelma knife u habba li ma kienitx taf ezatti l-kelma baqghu jirreferu ghal din l-ghodda bhala '*something knife’.* Amy spjegat illi kif missierha qalilha hekk hu qabad din is- '*something knife*' u ghamel qisu marka fuq il-koxxa taghha u fuq zaqqha u dak il-mument hi bdiet tghidlu 'ahh,' imma qisu hu ma rrejalizzax li verament bdiet twegga. U mbaghad meta messilha l-parti ta' fuq ta' gisimha bejn zaqqha u daharha hemmhekk fejn Amy bdiet tibki ghaliex hemmhekk fejn l-aktar li wegghat. Fil-fatt hargilha d- demm u l-flok li kienet liebsha, spjegatilha li kienet liebsha, flokk ahdar bil-friefet, iccappas bid-demm u anke x-shorts li kienet liebsha. Amy qalet illi dak il-hin kif missierha nduna li verament wegghat poggiha fuq is-sufan, ghamlilha wkoll spray u uza *cotton wool* biex qisu jtaffi l- griehi li sar u anke qabad din *is-‘something knife*' u beda jsabbatha mas-sufan. Spjegat ukoll illi din it-tool kellha plastic maghha u f' ebda hin speci ma nehha l-cover tal-plastic. Imbaghad spjegat li missierha cempel lil ommha u ommha kienet qieghdha x-xoghol u kien jonqosha xi *ten minutes* biex tispicca mix-xoghol u habba li kien fadal biss xi tlett kwarti access ma' missierha, ommha ddecidiet li tippikkjaha hi u tehodha l-*Health Centre*. Amy qalet illi ommha qaltilha biex izzomm sigriet il-fatt illi ommha kienet qed tirrekordja lil missierha meta hu beda jispjega x' gara ezatti. Hi kkonfermat illi  Amy qalet illi ommha qaltilha li speci biex ma tghid lil hadd imma li rrekordjat lill-missierha fuq dak li qalilha fuq it-telefon. Amy spjegat illi tkellmet fuq dan l-incident diversi drabi, qalet qisu li fejn jidhol missierha din kienet l-ewwel darba li qisu wegghat b' dan il-mod, qalet li huma jhobbu jilghabu naqra b' mod 'salvagg' il-kelma li wzat Amy imma s-soltu fejn twegga ftit qishom jieqfu u qatt ma gara xi haga bhal din u qalet li qatt ma wegghat b' dan il-mod m' ommha. Amy spjegat illi apparti maghha tkellmet ma' diversi nies. Qalet li ommha staqsietha diversi drabi x' gara u anke dahlu fuq Google biex jaraw ezatti din l-*slicer* kif tidher, qalet illi tkellmet ukoll man-nanniet, maz-zija u semmiet xi habib tal-omm certu Chris u qalet illi l-gurnata ta'

qabel li hi ltaqghet mal-minuri, bdew jitkellmu fuq dan l- incident ukoll u Chris anke qabad slicer mill-kcina taghhom fejn kienu u huwa ccekkja fuq il-forearm jekk hu jweggax jekk jaghmel hekk. It-tifla qaltilha li hija normali illi wara li tiltaqa mal-missier, ommha ssaqsiha diversi drabi xi jkunu ghamlu flimkien. Amy qaltilha wkoll li ghajjiet titkellem fuq din il-haga ghax speci tkellmet ma hafna nies. Amy qaltilha wkoll illi tixtieq tibqa tiltaqa' ma' missierha u ma kienitx kuntenta li minhabba din is-sitwazzjoni kienet qed tiltaqa' mal-missier  gewwa c-Child Protection darba fil-gimgha biss u li dan ma kienx bizzejjed. It-tifla xtaqet li mqar tiltaqa' darbtejn ma missierha, saghtejn minn tal-inqas u li tibqa' tmur ghall-access fid-dar tieghu. Spjegat illi meta saqsiet lil minuri kif thossha kieku kellha tkun ma missierha wahedha, din wiegbet li ma tibzax ghax 'zball darba taghmlu' u qaltilha li hi timmisja liz-zewg genituri taghha.

**Katia Muscat**[12] regghet xehedet nhar it-3 ta' Mejju, 2022 fejn mistoqsija xi *jkun forensic interview* hija spjegat li dan hu bbazat fuq mudell li juzaw *narrative practice* fejn prattikament qisu l-ewwel ftit ħin tal-interview mal-minuri jkun ibbażat fuq *engagement,* ħalli ssir taf iktar lil minuri u tkun aktar komda biex din titkellem fuq affarijiet iktar serji. Hi spjegatilha regoli zghar illi wkoll huma parti mill-format ta' dan il-*forensic interview*. Sussegwentament tkellmu fuq l-incident. Spjegat illi t-tifla mill-bidu wrietha xi griehi li kien ghamlilha missierha, izda mbghad fethu iktar. Tghid illi sa fejn taf hi, t-tifla diga kienet giet mitkellma mill-pulizija u allura dan kien '*in addition'* tad-disclosure li diga kienet tat it-tifla. Tghid li s-Sur Libreri kien infurmat bl-*outcome* ta' dan l-interview u l-pulizija kienu nfurmati direttament peress li kienu prezenti qed jisimghu go kamra ohra. Kompliet tispjega illi l-kollega taghha Valentina Mintoff ghamlet iktar assesjar fost li kellmet lit-tiflau ghamlet *home visits.* Tghid li sa fejn taf hi d-Direttorat dahal f'din l-istorja minhabba dan l-incident.

**Valentina Mintoff,**[13] social worker, fejn xehedet nhar it-3 ta' Mejju u qalet li f'dan il-kaz kellha nvolviment mat-tifla, kif ukoll mal-genituri. Tispjega illi wara li sar il-

[12] Fol. 110 et seq tal-process.
[13] Fol. 115 et seq tal-process.

*forensic interview*, hadet over hi u minn hemmhekk bdiet l-investigazzjoni tagħhom bħala Direttorat. Spjegat kif hi tkellmet mat-tifla darbtejn l-iskola. It-tifla kellmitha *open* fuq il-familja tagħha, fuq l-incident u tkellmet fuq ir-relazzjoni tagħha mal-ġenituri, fejn spjegatilha li kienet waħda tajba apparti l-incident li sar. Amy spjegatilha li kienet qegħda għand missierha u kienu qed jilgħabu logħoba fejn il-missier kien qiegħed jgħolliha u jnizzilha minn fuq il-bank tal-kċina, fejn hemmhekk imbgħad il-missier kellu f'idu *spreader knife* bi plastik fuq din l-*ispreader knife* u beda jgħidilha: '*I am going to cut you in two pieces.*' Missier il-minuri beda jagħmel din l-għodda fuq irkubbtejn it-tifla, fuq żaqqha u fuq il-kustilji. Il-missier niżżilha minn fuq il-mejda u t-tifla marret fuq is-sufan u kif marret fuq is-sufan bdiet tibki għaliex kellha d-demm mat-top. Hemm hekk induna l-missier ukoll u ċemplu lil omm. Il-missier ma marx il-polyclinic magħhom.

**<u>Dr Mario Scerri</u>**[14] xehed nhar it-3 ta' Mejju, 2022 fejn spjega li kien ġie kkonsultat minn omm Amy Ciantar nhar it-2 ta' Novembru, 2021. Din kienet allegat li meta t-tifla ġiet mingħand missierha kellha xi leżjonijiet, eżaminahom u meta eżaminahom kienu diġà fiequ u hi wrietu ritratti li għamlet referenza għalihom ta' kif kienet il-leżjoni meta waslet id-dar. Hu kkummenta fuqha u kkummenta fuq iċ-ċikatriċi li kien għad fadlilha. Jgħid li dina kienet ċikatriċi kompatibbli ma leżjoni magħmula minn strument li jaqta'. Jgħid li r-ritratti 1 u 2 fir-rapport tiegħu għadditomlu l-omm u stampahom hu. Ir-ritratti numru 3 ġew meħudha minnu wara l-eżami. Ir-ritratti numru 4,5 u 6 qed juru l-istess ċikatriċi.

**Dr Mario Scerri**[15] rega' xehed nhar it-13 ta' Settembru, 2022 fejn ikkonferma li kien eżamina lil Amy Ciantar diversi ġimgħat wara l-incident u rrimarka li hemm id-data eżatta fuq ir-rapport. Qal li hu straħ fuq ir-ritratti li kienet wrietu l-omm, mbgħad eżamina x'fadlilha minn dik il-leżjoni u rrapurta fuq dak li ra meta eżamina. Jgħid li l-ferita fuq ta'ġenb it-tifla ma kienietx iktar fonda milli wisa', allura insice wound, b'sharp margins u allura *inflicted* minn instrument li jaqta'. Hu jgħid li ma raħiex mill-

[14] Fol. 120 et seq tal-process.
[15] Fol. 144 et seq tal-process.

bidu u setgha jikkumenta biss fuq ic-cikatrici. L-omm kienet wrietu ritratt tal-lezjoni originali u hu kkonkluda li dik ic-cikatrici kienet rizultat ta' dik il-lezjoni maghmula skond ir-ritratt li taghtu. Mistoqsi jekk tfal minuri bhal Amy jkollhomx gilda iktar tenera, huwa wiegeb li fragli kemm hi fragli l-gilda, jekk ma ssirx kuntatt ma' strument li jaqta' mhux ser ikollha lezjoni.

**Spettur Sherona Buhagiar**[16] xehedet nhar it-3 ta' Mejju, 2022 fejn spjegat illi nhar l-20 ta' Settembru, 2021 ghall-habta tal-11.00pm PS 2223 infurmatha li certu Daphne Ciantar kienet irrikoriet gewwa s-sezzjoni ta' kontra l-vjolenza domestika sabiex taghmel rapport kontra l-ex-partner taghha Kevin Ciantar flimkien mat-tifla taghha ta' tmien snin Amy Ciantar. Is-Sinjura Ciantar spjegatilha li kienet ghaddejja bil-process ta' separazzjoni minn ma zewgha u li l-missier kellu access ghall-minuri skond id-digriet tal-Qorti. L-omm spjegatilha li ghall-habta ta' 5.50pm ta' dakinhar, zewgha Kevin cempilha u qalilha li t-tifla kienet wegghat u beda hiereg xi demm. Kien spjegalha wkoll li kien qed jilghab mat-tifla b' cutter ta' kejk u waqt li qalilha: '*I will cut you in three pieces and eat you*.' Daphne wkoll kienet qaltilha li t-tifla kienet qalet lil missierha li bdiet twegga izda hu kien injoraha sa ma kien ra d-demm. Hija stqarret mal-Pulizija li kienet marret ghat-tifla M' Scala u haditha l-clinic ta' Rahal Gdid u baqghu gejjin id-Depot, izda qabel kienu marru l-klinika ta' Rahal Gdid. PS 2223 kienet infurmatha wkoll li t-tifla kienet giet mitkellma minnha stess ghall-verzjoni fil-presenza tas-social worker mill-Appogg Laura Privitelli u Ruth Buhagiar Navarro, fejn Amy waqt il-verzjoni taghha kienet qalet li tiehu gost ma' missierha u joqghodu jiggieldu u jaghtu izda qatt ma kienet wegghat apparti dik il-gurnata. It-tifla kompliet tistqarr li taparsi missierha kien ser iqattaghha u ghalhekk kien qalilha: '*I will cut you in three pieces and eat you'*. Sussegwentament it-tifla qalet li missierha beda jhokk dan l-*spreader* maghha, ma partijiet f'ġisimha. Amy kompliet tistqarr illi missierha kien hakk maghha l-*spreader* f saqajha, f zaqqha u anke mal-genb ta' sidirha u meta dan kien hakkilha fl-ahhar post fejn hija kienet indikat b' idha kienet wegghat u bdiet tghid lil missierha li kienet qed twegga. It-tifla kienet stqarret li l-*spreader* li ntuzat kienet bil-cover tal-plastic. Kompliet tghid illi nhar it-23 ta' Settembru 2021 hi kienet irceviet

[16] Fol. 124 et seq tal-process.

ritratti ta' dawn il- griehi mill-avukat Dr. Marion Camilleri tramite il-parte civile. Hi kienet hasset li f'dan il-kaz tirrikorri ghall-ghajnuna tac-*Child Protection Services* fejn kienet tkellmet ma' Donatella Bruno, fejn meta jkollhom kazijiet ta' minuri ssoltu jikkomunikaw maghha fic-*Child Protection*. Dawn tal-ahhar qablu maghha sabiex jigu nvoluti f' dan il-kaz. Hi kienet ukoll issugeriet li Kevin Ciantar sakemm l-investigazzjoni tkun konkluza, li l-minuri jaraha fil-presenza tas-*social worker* u dan ma rrifjutax u nfatti hekk kien qed jigri. Tghid ukoll li tkellmet ma' Steve Libreri fejn kien gie maqbul li t-tifla ssirilha *forensic interview* ghar-raguni li hi xtaqet li tigi mitkellma minn professjonisti biex terga tisma lill-minuri sabiex tiddeciedi u jkollha aktar stampa cara wara li tisma lill-istess minuri. Fil-frattemp kienet ukoll in kuntatt ukoll ma' Donatella Bruno waqt li l-missier kien qed jiltaqa' mat-tifla u l-feedback li kienet taghtiha kien li t-tifla ma dehrietx imbezza minn missierha u li l-ewwel darba li regghat ratu wara li kien gara l-incident kienet marret tigri biex tghannqu u bdew jilghabu u jpingu u jiccajtaw u t-tifla dehret komda mieghu ghaliex huma setghu jaraw l-atteggjament tat-tifla u l-missier mill-video. Bhala parti mill-investigazzjoni hi kienet tkellmet ukoll ma' Silvan Magro, wara li l-omm kienet infurmatha li t-tifla kienet tigi segwitha minn *play therapist* li huwa Silvan Magro u kienet qaltilha li jumejn wara l-incident kienet haditha ghandu u ghalhekk kellmitu u kien qalilha li t-tifla kienet semmietlu dan l-incident u qatlu li kien gara *by mistake* u apparti hekk kienet qaltlu wkoll li hi u missierha jilghabu bil-goff u regghat tenniet li l-*spreader* kien bil-plastic u dan kien qalilha li t-tifla kienet tidher kalma waqt li kienet qed tkellmu u qisha qed tirrakonta storja. Kompliet tispjega li tkellmet ukoll ma' Dr. Monica Camilleri li ezaminat lit-tifla fejn ikkonfermatilha I-verzjoni li kienet tatha t-tifla qabel giet ezaminata fejn din il-verzjoni kienet l-istess verzjoni li tat lill-Pulizija Amy Ciantar. Nhar is-26 ta' Settembru 2021 Kevin Ciantar kien mar d-Depot fejn kienet ittiehditlu stqarrija fil-presenza tal-avukat tieghu Dr. Noella Schriha sabiex jigi nvestigat rigward dan il-kaz. Hu mieghu kien gab dan l-*spreader* volontarjament fejn giet mizmuma mill-Pulizija u ta' dan kien inghata rcevuta. Waqt l-istqarrija Kevin kien stqarr li hu beda jilghab ma' bintu u wara li kielu hija kienet mal- art u refaghha minn taht idha. It-tifla bdiet tintelaq u poggiha minduda fuq il-bank u qalilha: '*I will eat you and cut you in three pieces'*. Huwa kien qabad u sejhilha 'spatula' li kienet fuq il-bank stess tal-kcina u

sa dak il-hin kienet ghadha bdiet tidhaq. Huwa kien dawwarha u meddha fuq il-bank tal-kcina u beda jiccajta maghha. Kevin kien stqarr li kif qabadha jigifieri nehhiha minn fuq il-bank tal-kcina t-tifla kienet isserjat u kien ra d-demm. Imbaghad stqarr li meddha fuq is-sufan u mmedikaha bl-spray u stick filwaqt li kien cempel lil ommha. Meta mistoqsi ghalfejn ma qabadx u hadha l-clinic dak il-hin izda l-ewwel haga li kien ghamel kien li cempel lil ommha, Kevin kien stqarr li habba li hemm process tas-separazzjoni bejnu u bejn il-mara ma xtaqx, peress li kien fadalu ftit hin mill-access, ma xtaqx li l-mara tieghu tuzaha kontrih peress li kienu ghaddejjin minn pika bejniethom. Kevin Ciantar infurmaha wkoll li kien hemm diversi rikorsi rigward fejn tidhol it- tifla u affarijiet hekk. Issa Kevin kien ukoll mistoqsi jekk dak huhiex oggett li tilghab bih mat-tfal fejn huwa kien stqarr li huwa kien deherlu li dan kien *safe* u li l-*spreader* ma taqtax. Hi tghid li kienet prezenti wkoll waqt il-*forensic interview* fejn it-tifla kienet regghat ikkonfermat dak kollu li kienet qalet dakinhar tal-incident. Elaborat illi dan il-kaz kien ukoll gie diskuss mal-Avukat Generali, peress li ghaliha kien naqra kaz partikolari u sussegwentament harget l-akkuzi.

L-Ispettur Buhagiar[17] regghet xehedet nhar it-13 ta' Settembru, 2022, fejn qalet illi mill-indagni li hija ghamlet ma rrizultaliex li t-tifla kienet qed tibza minn missierha. Tghid li Donatella Bruno mic-*Child Protection* kienet sahansitra qaltilha illi meta t-tifla ratu l-ewwel darba marret tigri fuqu. Ikkonfermat li Kevin Ciantar dejjem ikkopera u anke meta kienet issugeriet li jara l-bintu taht supervizjoni, hu kien accetta minkejja l-fatt li seta' joggezzjona. Tghid illi Ciantar qalilha li l-*spreader* haseb li kienet safe ghaliex kellha l-plastik.

**<u>L-appellant Kevin Ciantar</u>**[18] irilaxxa stqarrija nhar is-26 ta' Settembru, 2021 fejn *in breve* qal li dakinhar tal-20 ta' Settembru, 2021 hu kien qed jezercita l-access fejn spjega li l-ewwel hu w t-tifla laghbu loghoba fuq il-mobile, mbghad ghamlu workout gol-gym li ghandu d-dar u wara ghamlu crafts. Ghamlu ajruplani u qaghdu jpenguhom ukoll sakemm wasal hin l-ikel. Mistoqsi dwar ir-relazzjoni tieghu mat-tifla u wiegeb

[17] Fol. 141 et seq tal-process.
[18] Fol. 149 et seq tal-process.

li din kienet tajba hafna. Wara li kielu bdew jiccajtaw flimkien u t-tifla bdiet tintelaq, ghamilha mil-art u bdiet tintelaq ukoll. Gholliha u t-tifla bdiet tidhak u u bdew jiccajtaw. Qabadha tefaha fuq il-cupboard u qalilha *'Now I will eat you. I will cut you in three pieces and I will eat your koxxa'*. Kien hemm spatula tal-plastik fuq il-bank u hu qabadha u kif beda jaghmlilha qaltlu li ndunat li l-instrument kien wiehed tal-plastik. Hu ghamilha fuq genba u qabadha ha jnizzilha u kif qalilha sabiex ikomplu, t-tifla sserjat. Staqsiha x'kien grala u qaltlu *'it hurts'*. Hu ra qatra demm fuq saqajha u qalilha li kien girfilha saqajha, mar jigri jaghmilha fuq is-sufan, gab l-ispray u tajjar u mmedikahomla. Iccekjalha zaqqha u kellha zewg dots irqaq u darha, hargu zewg drops demm izda innuta l-qata' u ppanikja. Hu cempel lil ommha u qalilha li kien gara incident zghir u hi qaltlu li ma setghetx tmur ghat-tifla qabel ghaxar minuti ohra u qaltlu sabiex jinzel Wied il-Ghajn fejn jiltaqghu ssoltu. Qabel cempel lil ommha hu mar fuq is-sufan u t-tifla ghannqitu u qaltlu sabiex ma jikwetax ghax ma kienitx mugugha. Mbghad qal li ltaqghu m'omm it-tifla Wied il-Ghajn u qaltu li tahseb li kellha bzonn *butterfly stitches* it-tifla u li kienet ser tohodha hi l-*polyclinic.* Staqsiha sabiex imur maghhom u omm it-tifla qaltlu ahjar le. Hu stenna sa xi 7.30pm u cemplilha u omm it-tifla qaltlu li kienu hargu u ghamlulha *butterfly stitches*. Hu skuza ruhu u qalilha li kien accident u din qaltlu mhux problema imma nippruvaw il-loghob tal-idejn naqtawh. Mistoqsi mill-Ispettur jekk jahsibx li din hija xi haga li ghandu juza biex jilghab ma tifla ta' tmien snin hu wiegeb li ghalih tant kienet *safe,* kienet t'ommu qabel u kienu ilhom juzawa zmien, u jaf li kienet xi haga li ma taqtax. Jghid li jaf li mhux gugarell u hu wzaha mhux it-tifla. L-instrument jintuza biex tilejerja cake, meta jaghmlu sponge kejk jaqtghu izda ma ghandiex ponta. Gara li l-plastik li suppost huwa *cover* biex tkun iktar *safe*, gie jaqta' hu. Ciantar qal li qas kienet tghaddilu minn mohhu li dak il-*cover,* li meta beda juzaha, ma harigx u kien jaqta'. Jghid li kien onestament ixxukjat. Jghid li hu ma ndunax li kien wegga' it-tifla, pero' qas it-tifla ma ndunat. Qal li din il-haga nkwieta hafna fuqa u kien ilu hamest ijiem ma jorqod. Jghid li kieku t-tifla qaltlu li kienet qed twegga' kien jieqaf mill-ewwel. Jghid li dejjem jilghabu loghob simili imma kienet l-ewwel darba lu uza strument. Kompla jghid li llum il-gurnata ma kienx ser juzha. Dakinhar kienet xi haga spontanja. Izda kien jaf li ma taqtax, iktar u iktar bil-plastik. Mistoqsi ghaliex ma hadiex il-*polyclinic* hu spjega li

kien ser jispiccalu l-hin tal-access u stante r-relazzjoni li ghandhom hu l-mara, kien ikun ahjar hekk. Mistoqsi jekk kienitx qaltlu omm it-tifla li kienet ser tirrapurtah, wiegeb fin-negattiv anzi qaltlu *'no worries.'* Mistoqsi dwar iz-zwieg u s-separazzjoni, hu spjega f'dettall illi r-relazzjoni m'hi felici xejn u li hu u l-mara ilhom ghaddejin bis-separazzjoni hames snin. Semma diversi episodji ta'dizgwit fejn jghid li omm it-tifla timpika mieghu fuq kollox, inkluz fuq l-access tat-tifla. Mistoqsi iddispjacihx jghid li kien ilu hamest ijiem ma jorqod tant li mix-xoghol baghtuh 'l hemm.

**<u>Ikkunsidrat ulterjorment,</u>**

Illi l-appellant Kevin Ciantar jinsab akkuzat b'akkuza wahda marbuta mal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza ghall-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali, minghajr ma taghmel referenza ghall-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u dan stante l-fatt li l-Artikolu 226 jaghmel referenza diretta ghall-Artikolu 225. Dan l-ahhar Artikolu jistipula s-segwenti:

> *'225. (1) Kull min, **<u>b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti</u>**, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).'*

Illi l-Artikolu 226 (1)(c) li bih jinsab akkuzat bih l-appellant, jipprovdi hekk:

> *'226. (1) Jekk minħabba l**<u>-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna,</u>** l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –*
>
> *ċ) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet'*

Inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba, din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE**:[19]

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali,* ***illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju.***
>
> ***Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effetivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal- "bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` ili fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.*** *"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46).*

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[20] li ghalkemm kien kaz li jirrigwarda incident stradali, l-principji hemmhekk enuncjati xorta jsibu applikazzjoni ghall-procediment odjern:

---

[19] 4.02.1961 per Onor. Imhallef Dr. J. Flores. Kollez. Deciz Vol.XLV.iv. 870, 903

[20] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010, Nru 753/2006 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera. Il-konsiderazzjonijiet legali maghmula minn din il-Qorti gew abbracciati fis-sentenzi tal-istess Qorti, diversament preseduta fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Bonnici** (27.010.2016), u **Il-Pulizija vs Rudolph Gatt** (03.02.2016), it-tnejn per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate.* ***Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.***

***Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi.*** *Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa* ***l-prevedibilta' tal-event dannuz****, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

***Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.***

***L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.***

***In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.***

***L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid Manzini:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".***

***Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili*** *bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.'*

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa:

*"… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

Bl-istess mod, **il-Professur Anthony J. Mamo,** fin-noti tieghu, jghid hekk:

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "**possibility of foreseeing**" the event which has not been foreseen. **The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if***

***he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable***"[21]

L-**Antolisei**, pero' imur oltre' mill-insenjament tal-Carrara u jqis illi tirrizulta il-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas tal-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuż ma kienx wieħed prevedibbli u dan għaliex l-osservanza ta 'dawn ir-regoli iwasslu sabiex l-event dannuz ma iseħħx:

> *"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."* [22]

Il-Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar**[23] ghamlet referenza wkoll ghal dak li jghid Antolisei fir-rigward tal-*culpa*:

> *'Kif spjiega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

---

[21] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67

[22] Ref Manuale di Diritto Penale Parte Generale 1989 Giuffre pagna 332

[23] Deciza mill- Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera nhar l-20 ta' Novembru, 2004.

*"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [Antolisei, F., Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]'*

**Mantovani, Padovani** u **Fiandaca-Musco** jibnu fuq ir-regola tal-Antolisei u jallaċjawha mar-regoli tal-prevedibbilita' u l-inevitibbilta' biex b'hekk il-culpa fil-fehma tagħhom tirrikjedi 1. in-nuqqas t'intenzjoni diretta, 2. rekwiżit oġġettiv li jikkonsisti fil-ksur ta' regola ta' kondotta; 3. rekwiżit suġġettiv, jiġifieri l-abbiltà li tosserva din ir-regola; 4. l-evitabbiltà tal-avveniment permezz tal-konformità ma 'din ir-regola u 5. prevedibbiltà u evitabbiltà, jiġifieri li s-suġġett kellu l-abbiltà jew il-possibbiltà li jġib ruħu b'mod differenti.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta vs Francis Casaletto**[24] ingħad illi:

[24] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-8 ta` Novembru 1988.

*"Skond id-dottrina l-intenzjoni hija indiretta meta l-event kien semplicement konsegwenza possibbli ta' l-actus reus, liema event jew ma kienx previst jew kien previst izda mhux mixtieq. Jekk tali event kien previst u minkejja dan l-actus reus kien mixtieq u volontarju allavolja l-konsegwenza ma kinitx mixtieqa, l-intenzjoni indiretta tissejjah posittiva.* ***Jekk, mill-banda l-ohra, l-event possibbli ma kienx la mixtieq imma lanqas previst, l-intenzjoni indiretta tissejjah negattiva .... tammonta ghal negligenza jew casus****."*

Illi f'dan il-kuntest, din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti, ukoll kollegjalment komposta, tat-8 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Ir- Repubblika ta' Malta vs. Salvatore sive Salvu Gauci**:

***'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l- fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l- att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l- arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id- daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja.'***

Illi ghaldaqstant, din il-Qorti trid tezamina n-nuqqas ta 'previzjoni tal-effetti dannuzi tal-fattispeci in kwistjoni u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi u cioè jekk l-incident sehhx b'negligenza jew kienx purament incident u cioe' *casus*. Dan

ghaliex fil-mankanza tal-prevedibilità, salv jekk mhux b'diligenza straordinarja, il-ligi ma tesigihx l-effetti dannuzi inkriminabbli, u ma tistax issib htija.[25] In oltre, l-ezami ta' din il-Qorti jestendi ukoll ghal jekk il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaqx b'success u cioè jekk in-ness bejn l-allegat reat u l-imputat giex pruvat sodisfacentement.

Illi l-akkuzat *qua* appellant fl-istqarrija awdio-visiva meħuda fis-26 ta' Settembru 2023 mill-Ispettur Audrey Micallef u l-Ispettur Sharona Buhagiar fil-presenza tal-avukat difensur *ex admissis* jikkonferma li kien qed jilgħab ma' bintu loghba li fi kliemu mhux l-ewwel darba li laghbu bid-differenza li tal volta' ghall-ewwel darba uza strument tal-kcina msejjha *cake spreader* li kellha cover tal-*plastic*. F'fol. 154 tal-atti processwali jgħid li qatt ma basar li din setgħet tkun ta' perikolu għat-tifla.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li ntuza dan l-instrument msejjah bhala *cake spreader*, li skont l-appellant kellu cover tal-plastik. Dan l-instrument mhux l-istess bhal sikkina, madanakollu ma hemmx dubju li zgur mhux ideali li jkun hemm loghob u/jew cajt goff b'ghodda kulinari, konsegwenza ta' liema t-tifla weggghet u kellha tlett cikatrici kif identifikati mill-espert *ex parte* Dr Mario Scerri. L-ezami medikolegali fuq il-persuna ta' Amy Ciantar maghmul minn Dr Mario Scerri nhar it-2 ta' Novembru 2021 (fol. 13 *et seq*) jikkonkludi illi l-lezjonijiet huma ta' natura hafifa.

Stabbiliti l-fatti probatorji fid-dawl ta 'dan l-insenjament tal-awturi u l-gurisprudenza, ma jifdal ebda dubbju f'mohh il-Qorti, illi dan huwa evidentement kaz sfortunat hafna. Ma hemmx dubju li hemm in-ness rikjest bejn dak li ghamel l-appellant bl-*spreader* u l-lezjonijiet li garrbet il-minuri Amy Ciantar. Ghalkemm il-Qorti taf li dan kollu ma kienx mixtieq mill-appellant u li hu jinsab iddispjacut ghal konsegwenzi sfortunati li graw, hija tal-fhema illi l-appellant seta' jippreveni dan kollu milli jsir kieku ma ghazilx li jilghab mat-tifla b'ghodda kulinari. Din l-hekk imsejjha *spreader*, minkejja li mhux ekwivalenti ghal sikkina, il-*cover* taghha xorta kien jaqta' tant illi sahansitra permezz tieghu tqatta' il-flok tat-tifla. Ghaldaqstant, din il-Qorti temmen

[25] Ara **Il-Pulizija vs John Vella** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-15 ta 'Dicembru, 1958.

illi l-elementi kollha tal-*culpa* gew sodisfatti u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li ssib lill-appellant Kevin Ciantar hati.

Fir-rigward tal-piena din il-Qorti jidrilha li ma ghandiex tkun wahda severa u/jew li jkollha mpatt fuq il-kondotta tas-Sur Ciantar. Minkejja li din il-Qorti tispera li incidenti bhal dawn ma jergghux jirrepetu ruhhom, tispera wkoll li din is-sentenza ma tintuzax f'xi proceduri civili ghal skopijiet ulterjuri u tappella l-partijiet sabiex dejjem igibu l-ewwel u qabel kollox l-ahjar interess ta' binthom minuri. Il-partijiet ghandhom izommu il-kwistjonijeit civili taghhom separati u distinti mill-proceduri kriminali li talvolta jsit ajkun hemm penenti bejniethom.

In vista tas-suespost, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 221(3)(a) u 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali, issib lill-appellant Kevin Ciantar hati tal-unika mputazzjoni migjuba kontra tieghu u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-llum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant Kevin Ciantar li kkonferma li fehem l-istess.

Finalment din il-Qorti tordna l-hlas tal-ispejjez peritali skond id-dettami tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u cioe' €79.33 li gew ihalsa lill—esperta mahtura, Dr Katya Vassallo jigi imhalsa lil Gvern ta Malta una volta jkun hemm talba mid-Direttur tal-Qorti Kriminali.

Il-Qorti ghalhekk qeda tordna li kopja ta din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur sabiex tiehu hsieb tigbor l-ispejjez dovuti mill-appellant.

**Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**